**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 15 – IT-TNEJN, 2 TA' MARZU 2020 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 14**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

1.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 13**

2.1 Ma kienx hemm punti.

**3 Pagamenti Numru 14**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġiet innutata s-suċċess tal-attività tal-karnival imtella' mill-kunsill f'Misraħ Lourdes.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-attivitajiet ta' Jum San Ġwann. Kien hemm qbil li fl-24 ta' Ġunju ssir il-Quddiesa u l-Ħuġġieġa, fil-25 ta' Ġunju ssir l-iSports Day, fis-26 ta' Ġunju ssir il-bibita u l-Mertu San Ġwann, fis-27 ta' Ġunju ssir il-Lejla Maltija mal-għaqdiet u fit-28 ta' Ġunju ssir Car Show u bike ride. Kien

hemm qbil li jsir working group magħmul minn Trevor Fenech, Etienne Bonello Du Puis, Joe Aquilina u s-Segretarju Eżekuttiv biex jitfassal programm aktar fid-dettal.

4.3 Kien hemm diskussjoni dwar t-tenders li ġew ippubblikati. Kien hemm qbil li jitqabbdu 3 persuni independenti biex iservu bħala aġidukaturi. Dawn huma Dr Matthew Pulis, is-Sur Paul Bugeja u s-Sinjura Nikita Zammit Alamango.

**5 Korrispondenza**

5.1 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-light fixtures għal Ġimgħa l-Kbira hekk skont l-istima minn D Street Lighting, 1250 Euro + VAT ghall-Irxoxt u 900 Euro + VAT għal San Ġwann.

5.2 Kien hemm qbil unanimu li jsir Risk Assessment fil-kunsill mis-Sinjura Marisa Farrugia hekk skont l-istima ta' 175 Euro + VAT.

5.3 Inxtraw b'500 Euro kotba għal librerija. Kien hemm qbil li jinxtraw b'200 Euro oħra.

5.4 Kien hemm qbil li jinxtraw żewġ kompjuters għall-uffiċini ta' fuq.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Joe Aquilina talab biex il-Kunsill jikteb lil ERA biex Wied Għomor u Wied Għollieqa jiġu nklużi fil-lista tal-Public Domain. Kien hemm qbil li ssir it-talba. Hu staqsa dwar l-applikazzjoni għal restawr tal-Kappella tal-Propostru. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni ġiet milqugħa imma ma ġietx magħżula.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar insista li m'għandux ikun hemm attivitajiet politiċi waqt il-ħidma tal-Kunsill. Hu kien qed jirreferi għal press conference li saret fiċ-Ċentru qabel ma beda l-55+ Club. Is-Sindku rrisponda li l-attività kienet waħda governattiva u mhux politika, saret fit-8.30am, qabel ma beda l-55+ Club u l-anzjani kienu nfurmati minn qabel.

7.45pm Is-Sur Joe Aquilina skuża ruħu mil-laqgħa.

6.2.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta wkoll dwar il-plakka li saret għal okkażjoni tal-ftuħ tal-ispazju miftuħ 11 ta' Frar f'Ta Żwejt. Hu rrimarka li l-plakka semmiet lis-Segretarju Parlamentari u lis-Sindku biss u ma ssemmewx il-membri l-oħra tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-plakka saret mis-Segretarjat tal-iSport, Żgħażagħ u l-Għaqdiet Volontarji u mhux mill-Kunsill.

6.2.2 Is-Sur Cassar informa lill-Kunsill ukoll li d-dawl f'Misraħ Awrekarja ġie rranġat u issa l-pjazza qed tkun mixghula.

6.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex ikun hemm hand sanitizer fil-Kunsill.

6.4 Is-Sur Etienne Bonello du Puis irrimarka li hemm biċċa mill-bankina fi Triq is-Santwarju mkissra.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |